MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1915/2004

Ra l-avviz tal-attur li fih talab l-ammont ta' tlett mija u sebghin Lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm370.52c) rapprezentanti hsarat mgarba mill-attur in segwitu ta' incident tat-traffiku kif ahjar deskritt fl-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenuta li qalet li ma kellhiex tort fl-incident.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti ezebiti.

Fit-Traffic Accident Report Yvonne Mifsud qalet "kont gejja minn naha tas-super one fin-nofs tat-triq wahda mill-lanes li hemm fid-direzzjoni ta' Aldo Moro, kif gejt biex indur skidjajt il-karrozza tieghi u ilqatt vettura ohra ftit il-fuq il-bieba. F'daqqa wahda giet vettura IAS804 skidjat u laqtitni darbtejn u l-vettura l-ohra telqet ghaliex ma kellha xejn".

Il-konvenuta qalet: "kont gejja mid-direzzjoni tas-super one fuq ir-right it-tieni lane. Kif kont qed indur rajt il-vettura KAS423 tiskidja ma' vettura ohra, pruvajt nevita il-vettura

KAS423 ghafast il-brake u skidjajt u ilqatt il-vettura KAS423 ghax il-vettura kienet waslet fill-lane tieghi.”

Yvonne Mifsud qalet li kienet qieghda ssuq fejn is-Super One ghafset il-brake u l-karrozza taghha skidjat lejn ix-xellug u laqtet karozza ohra li kienet fil-lane iktar il-gewwa minnha. Meta kienet wieqfa titikellem mas-sewwieq tal-vettura l-ohra semghet hoss u dahlet karozza fil-gemb taghha. Wara l-incident il-konvenuta qalet li skidjat u dahlet fiha. fill-hin tal-incident it-triq kienet mxarba.

Roseanne Axiaq qalet li rat il-vettura KAS423 tiskidja din habtet ma’ karozza ohra u imbaghad Axiaq bdiet tiskidja ukoll u habtet gol vettura tal-attur. Fil-kontro-ezami l-konvenuta qalet li indunat bil-karozza KAS423 meta kienet ftit izjed il-boghod minn nofs karozza quddiema. Axiaq qalet : jiena rajt il-karozza l-ohra tiskiddja u rajtha bdiet tersaq lejn il-lane tieghi pero imbaghad hi habtet mal-karozza l-ohra fuq il-lane iktar gewwa. Jiena bqajt inzomm il-lane tieghi sakemm bdejt niskiddja. Illum ma nistax nghid jekk ersaqtx fil-lane ta’ l-iehor b’rizultat tal-iskid jew le.

Paul Bonanno li kien fil-karozza tal-konvenuta ikkonferma il-versjoni tal-konvenuta.

Ikkunsidra li fil-kawza Vella vs Camilleri (Prim’ Awla 29/01/98) gie ritenut:

“Li f’materja ta’ skid il-principju regolatur ma’ jistax hlief ikun li skid wahdu la hu prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jkun indagat jekk kienx hemm xi negligenza antecedenti jew konkomitanti. Jekk negligenza simili tirrizulta allura hemm ir-responsabilita nonostante l-iskid; jekk ma tirizultax allura l-iskid hija difiza ghax tkun incident inevitabli. Gie ritenut ukoll insubjecta materia li meta ssir habta minhabba wahda mill-vetturi tkun skiddajt, is-sewwieq tal-karozza jkun responsabbli ma jaghrafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-iskiddjatura. Kellu zmien li jaghmel dan u jkun aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li taggrava l-iskid.”

F’dan il-kaz l-konvenuta kienet taf li hemm ix-xita u kellha l-obbligu li izomm distanza ragjonevoli wara l-vetturi l-ohra. Illi huwa veru li Mifsud skidjat izda billi kienet sejra bil-mod bhala risultat ta’ dan l-iskid ma kienx hemm danni. Il-konvenuta donna kienet taf li kellha xi tort ghaliex ofriet li tiehu lil karozza tal-attur ghand it-tellar. Il-fatt li persuna tahseb li kellha tort fl-incident ta’ traffiku ma ifissirx necessarjament li kellha tort skond il-ligi.

Minn naha l-ohra l-fatt li Mifsud tilfet il-kontrol tal-vettura taghha poggiet lil konvenuta f’posizzjoni difficili meta l-kundizzjonijiet tat-triq kienu difficili tant li z-zewg drivers tilfu l-kontrol tal-vetturi taghhom. Meta tkelmet mal-wardens ezatt wara l-habta Mifsud ma qalitx li wara l-ewwel habta bdiet titkellem mad-driver tal-vettura l-ohra izda qalet li ‘f’daqqa wahda giet il-vettura IAS804 skidjat u laqtitni darbtejn’.

Ma hemmx bizzejjed provi biex dan it-tribunal jikkonkludi li l-konvenuta kellha tort. Ma hemmx provi ta’ negligenza antecedenti jew konkomitanti u lanqas ta’ xi manuvra hazina.

Ghaldaqstant jichad it-talba tal-attur bl-ispejjes bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------